sem&u

Ġunju 2016
Ħarġa nru 3

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex | Tel. 2155 6479
Email: info@sacredheartseminary.org.mt | www.sacredheartseminary.org.mt

# Saċerdot għal dejjem!

Dak iż-żagħżugħ kien għadu kemm spiċċa s-sena propedewtika. U issa lis-Seminarju rah bħala s-sejħa li l-Mulej kien qiegħed jagħmillu biex jasal għas-saċerdozju. Warajh kellu storja li ried iħalli, imma mill-banda l-oħra quddiemu kien qed jara ġejjieni mimli tama. Beda l-ewwel sena. Kien il-ferħ tal-ġenituri, tal-Arċipriet u s-saċerdoti tal-Parroċċa u ta' nies oħrajn li kienu jitolbu għalih.

Fis-Seminarju sab komunità ta' żgħażagħ oħra li bħalu u miegħu kienu qed jagħmlu l-istess esperjenza. Beda magħhom stil ta' ħajja bil-wisq differenti milli kellu qabel. Beda issa jgħix f'ċerta dixxiplina: studju, talb, *Lectio Divina*, qawmien kmieni, devozzjonijiet partikularment lejn il-Madonna, laqgħat mad-direttur spiritwali, mar-Rettur, mal-*counsellor*, mal-*pastoral mentor*… il-*weekend* qed jgħaddih fil-Parroċċa jgħin lill-Arċipriet jew lill-Kappillan, jieħu ħsieb xi gruppi, jagħti s-servizz tiegħu fuq l-altar. Sadattant, jinsab kuntent u jħoss li għandu jkompli miexi f'din is-sejħa. Fil-*weekend* kultant jiltaqa' ma' sħabu li kienu miegħu fuq il-bank tal-iskola. Terġa' tiġih in-nostalġija tal-passat, imma mbagħad jirrealizza li qalbu tinsab xi mkien ieħor u wħud mill-istess sħabu ma jifhmuhx. Jibqa' jirrifletti, jieħu l-pariri, jitlob… Il-ħajja għaddejja. Lanqas ried jemmen li kien jinsab jagħti l-aħħar eżamijiet biex itemm is-sena… Flimkien mal-*formators* kien ippjana li parti mis-sajf jgħaddiha f'ħidma volontarja. U bdiet sena oħra, it-tieni waħda, imbagħad it-tielet, u wara li għamel sena barra mis-Seminarju, reġa' kompla jgħarbel is-sejħa tiegħu. Issa li kompla jikber fil-maturità, kemm spiritwali u kemm umana, ħass b'qawwa ikbar li qalbu kienet ma' Kristu Saċerdot.



Lura s-Seminarju jerġa' jsib familja, qatt l-istess, għax dejjem tinbidel… min jidħol ġdid u min jispiċċa. Beda l-ħames sena. Din id-darba ser jersaq lejn l-altar u jirċievi l-ewwel sinjali: il-ministeru ta' Lettur, imbagħad il-ministeru ta' Akkolitu, u għall-aħħar tas-sitt sena jirċievi mingħand l-Isqof l-ordni ta' Djaknu… Kull ministeru jġib miegħu responsabbiltà ġdida għalih, imma l-ordni ta' Djaknu se jagħtih identità, se jitwaħħad ma' Kristu Qaddej, u se jqarrbu tant lejn is-Saċerdozju.

Il-*formators*, sħabu s-seminaristi, il-familjari, ħbiebu u dawk li jafuh qed jitolbu għalih huwa u jagħmel l-aħħar irtir ta' ġimgħa li se jwasslu biex ikun *Saċerdot għal dejjem*! Storja mimlija telgħat u nżul, dgħufija u grazzja, dlam u dawl. Imma l-qofol tagħha jinsab biss fil-kelma li ntqalet minn Marija: *"Għax Alla s-Setgħani xeħet għajnejh fuq ix-xejn tal-qaddej tiegħu"* (ara Lq 1,48). Għadu sa issa ma sabx jagħti tweġiba oħra barra minn din.

Illum jinsab ma' sħabu fuq l-altar quddiem l-Isqof. Huwa jum l-Ordinazzjoni Saċerdotali. Bit-tqegħid tal-idejn mill-Isqof se jirċievi eżistenza ġdida, imsejħa bidla ontoloġika, li tbiddlu f'xhud ta' Kristu, fi 'Kristu ieħor', filwaqt li jibqa' dejjem bniedem bħall-oħrajn. U minn hawn 'il quddiem ikun jista' jgħid: *"Dan huwa Ġismi… Dan huwa Demmi… U jiena naħfirlek dnubietek"*. Kien għalhekk li l-ewwel dixxipli "għażilhom biex jibqgħu miegħu" (Mk 3,14), għax miegħu biss huma jistgħu jkomplu dak li huwa beda bis-saċerdozju tiegħu.

**Dun Alex Refalo**
*Id-Direttur Spiritwali*

*Grazzi* mill-qalb lill-benefatturi kollha: lil dawk li jiftakru fis-seminaristi fit-talb tagħhom, lil dawk li joffru tbatijiethom għas-seminaristi, lil dawk li joffru l-ħin tagħhom lis-Seminarju, lil dawk li kkontribwew permezz ta' borża ta' studju jew donazzjonijiet oħra, lil dawk li offrew ikel jew riżorsi oħra lill-Komunità tas-Seminarju. Il-Mulej ipattilkom bil-mija fil-wieħed.

# Mill-Għatba 'l Ġewwa...

Il-Komunità kompliet iżżur parroċċi differenti għal **mumenti ta' adorazzjoni b'talb għal aktar vokazzjonijiet**: dan sar f'San Lawrenz (14.04.16), fiż-Żebbuġ (12.05.16), u l-aħħar wieħed fis-Seminarju (09.06.16).

Bi tħejjija għaċ-ċelebrazzjonijiet tal-**150 anniversarju mit-twaqqif tas-Seminarju** u bl-għan li **titqajjem iktar kuxjenza vokazzjonali** fost iż-żgħażagħ, is-seminaristi ħadmu u telgħu erba' filmati qosra u dokumentarju fuq il-midja soċjali, bl-isem: *150 Sena Seminarju: L-Istorja Tagħna*.

Fl-okkażjoni ta' Jum il-Vokazzjonijiet, is-seminaristi organizzaw ***Festabbatini***, festa għall-abbatini u għall-familjari tagħhom. Din l-attività saret quddiem is-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu (17.04.16).





Saret **laqgħa ta' formazzjoni** mis-Sur Andrew Azzopardi. Hu kompla jitkellem dwar *il-policy tal-ħarsien tat-tfal u tal-adulti vulnerabbli* (20.04.16).

F'Mejju l-komunità għamlet **pellegrinaġġ lejn is-Santwarju Ta' Pinu**. Fi tmiemu ġiet iċċelebrata l-Quddiesa. Dakinhar l-ordinandi għamlu **l-wegħdiet** tagħhom bi tħejjija għall-Ordinazzjoni (07.05.16).

**Ġew fi tmiemhom il-laqgħat tal-ministeri.** Dawn huma laqgħat ta' formazzjoni li jsiru kull nhar ta' Erbgħa għas-seminaristi. Din is-sena ttrattaw il-virtujiet tal-imħabba u tal-ubbidjeza. Il-Komunità raddet ħajr 'l Alla permezz ta' Quddiesa fil-knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, Taċ-Ċawla, u wara saret ikla (11.05.16).

Is-Seminarju organizza **velja ta' talb** bi tħejjija għall-Ordinazzjonijiet Presbiterali u Djakonali. Din saret fil-grawnd tas-Seminarju Minuri. L-adorazzjoni kompliet mal-lejl fil-kappella tas-Seminarju (19.05.16).



Mons. Isqof Mario Grech ordna presbiteri lid-djakni Joseph Attard (mill-Parroċċa tal-Assunta, iż-Żebbuġ), Massimo Buttigieg (mill-Parroċċa tal-Assunta, il-Belt Victoria) u Mario Curmi (mill-Parroċċa tal-Bambina, ix-Xagħra). **L-Ordinazzjoni Presbiterali** tagħhom saret il-Ġimgħa 20 ta' Mejju 2016 fil-Katidral tal-Assunta, il-Belt Victoria.



Fi tmiem l-eżamijiet tal-MATSEC, **l-istudenti tal-Grupp Vokazzjonali tad-Djoċesi** ngħaqdu mas-seminaristi għal mument ta' talb fil-kappella u għal barbikju flimkien fuq il-bejt tas-Seminarju (24.05.16).



**It-tieni semestru ġie fi tmiemu** u għaldaqstant fl-ewwel ġimgħat ta' Ġunju s-seminaristi kellhom l-eżamijiet. Is-sena ta' formazzjoni 2015-2016 ġiet fi tmiemha permezz tal-Quddiesa għall-familjari, immexxija minn Mons. Isqof (10.06.16). Wara dan, is-seminaristi bdew il-vaganzi tas-sajf. F'dan iż-żmien huma jistrieħu, iqattgħu aktar ħin ma' tal-familja, ikunu preżenti aktar fil-parroċċi u jagħmlu xi esperjenzi ta' volontarjat. L-aħħar impenn għal din is-sena huwa l-Ordinazzjoni Djakonali tas-seminaristi Michael Grima (mill-Parroċċa ta' San Lawrenz) u Carl Scerri (mill-Parroċċa tal-Assunta, il-Belt Victoria) li se ssir nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2016.

# Taqtax qalbek u tibżax tgħid iva lill-Mulej!

## Is-Seminarista Michael Grima jintervista lil Dun Massimo Buttigieg



**Waqt il-Velja ta' talb, lejlet l-Ordinazzjoni, int stqarrejt lill-Mulej dawn il-kelmiet sbieħ: "Inħoss li dan qed titlob minni: li nħalli kollox u nintelaq f'idejk, biex... ningħata għall-qadi tal-Knisja". Tista' tispjegalna aħjar din ix-xewqa tiegħek u kif għaraft li l-Mulej jixtieq din il-ħaġa minnek?**

Iva, iktar milli x-xewqa tiegħi, inħoss li dak li l-Mulej jixtieq minni hu li nkun saċerdot. Il-mod kif għaraft din is-sejħa tal-Mulej ma nistax norbtu ma' mument partikulari, imma nħoss li kien proċess. Qabel dħalt is-Seminarju ppruvajt infittex nifhem x'kienu x-xewqat u l-mistoqsijiet li kelli f'moħħi u f'qalbi. Dan għamiltu bl-għajnuna ta' persuni differenti. Anki fis-Seminarju kelli ċ-ċans nifhem aktar dawn ix-xewqat grazzi għall-*formators* u għad-direttur spiritwali. Ta' għajnuna għalija kienu l-esperjenzi li għamilt, u naħseb li l-iktar qawwija kienu dawk li kelli tul is-sena intermedjarja.

**Fl-istess talba stqarrejt li "ma kinitx darba jew tnejn li forsi sibtlek xi skuża biex ma nimxix it-triq li kont qed issejjaħli għaliha". Fiex kienu jikkonsistu x'uħud minn dawn l-iskużi?**

Inħoss li l-vokazzjoni għas-saċerdozju għandha marbut magħha l-misteru. Il-fatt li int qed tagħmel għażla għal ħajtek kollha, bla ma taf eżatt din l-għażla fejn se twasslek jew ma' liema esperjenzi se tlaqqgħek, iwassal biex tħoss ċertu biża' quddiem dan il-pass. Naturalment, ma' dawn ikun hemm ukoll ix-xewqa li bħal sħabek ikollok karriera, li toffrilek ċerta stabbiltà fil-ħajja. Għalhekk, għall-bidu kien hemm żmien li fih komplejt bl-istudji u l-ħsibijiet tiegħi fl-Università. Anki meta saritli l-istedina biex nara jekk il-Mulej kienx qed isejjaħli għas-saċerdozju, jien ippruvajt inwarrabha, jew aħjar, ma nagħtix kasha. Dan, kemm minħabba l-biża', u kemm għax rajt fija ċerti limiti li ġegħluni naħseb li b'hekk m'iniex kapaċi nwettaq dan il-ministeru.

**Dakinhar int għoġbok tirringrazzja lill-Mulej tal-esperjenza tiegħek fis-Seminarju. Liema kienu l-isbaħ mumenti tiegħek tul is-snin ta' formazzjoni?**

Inħoss li l-esperjenza tiegħi fis-Seminarju kienet waħda sabiħa tant li diġà bdejt inħoss xi ftit in-nuqqas tagħha! Mumenti li se nibqa' niftakar huma l-ordinazzjonijiet ta' sħabi matul is-snin, l-attivitajiet li konna norganizzaw (fejn ma kinitx tonqos ukoll xi ċajta), kif ukoll meta rċivejt il-ministeri tal-Lettorat, tal-Akkolitat u eventwalment meta ġejt ordnat Djaknu, fl-20 ta' Ġunju tas-sena l-oħra.

**Tista' taqsam magħna x'ħassejt meta kont mimdud fl-art waqt li kont qed tiġi ordnat saċerdot? Xi tlabtu dak il-ħin lill-Mulej?**

Kif aċċenna l-Isqof Mario Grech fil-prietka dakinhar tal-Ordinazzjoni, fil-mumenti tal-Ordinazzjoni jgħaddu ħafna ħsibijiet minn moħħ l-ordinand. Bla dubju nista' ngħid li l-mument tal-Ordinazzjoni kien mument uniku mmarkat b'ħafna emozzjonijiet, li diffiċli tispjegahom. Ma naqasx il-ferħ, imma wkoll il-biża' quddiem don kbir li kont qed nirċievi, minkejja l-limiti tiegħi. Għaddew ukoll ħsibijiet dwar fejn se twassalni l-Ordinazzjoni, għax dan hu biss il-bidu ta' triq, jew aħjar ta' misteru, li tiegħu naf il-bidu imma l-bqija ma nafux. F'dak il-mument ftakart fl-esperjenzi li għaddejt minnhom flimkien mal-persuni li magħhom iltqajt, speċjalment il-persuni li llum ma għadhomx magħna. Kien ukoll mument fejn tlabt lill-Mulej jagħtini l-grazzja li nitqaddes u li ma nħares qatt lura, hekk li d-don li kont qed nirċievi nwasslu bl-aħjar mod sat-tmiem.

**Jekk żagħżugħ qed jaħsibha biex isir saċerdot, x'parir tagħtih?**

Ngħidlu biex ma jaqtax qalbu u ma jibżax jgħid iva lill-Mulej. Żgur li jekk Ġesù qed isejjaħlu biex isir saċerdot, dan qed jagħmlu għax hu għall-akbar ġid tiegħu. Barra minn hekk, permezz tiegħu se jsir ġid mal-oħrajn. Minkejja li wieħed ikollu d-difetti tiegħu, Ġesù jinqeda bil-persuna sħiħa, waqt li jagħti dak kollu li hu meħtieġ biex hi tkun tista' tgħix is-sejħa tagħha.



**Ordinazzjoni Djakonali**

Is-Seminaristi

Michael Grima (mill-Parroċċa ta' San Lawrenz, San Lawrenz)

u

Carl Scerri (mill-Parroċċa tal-Assunta, il-Belt Victoria)

se jiġu ordnati Djakni

nhar il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju 2016, fil-Katidral, fis-6.00pm.

# Għix tajjeb il-preżent!

Promozzjoni Vokazzjonali

Għix tajjeb il-preżent u dan billi tagħmel l-affarijiet l-aktar sempliċi tal-ħajja tiegħek ta' kuljum bi mħabba.
Ftakar li l-aktar vokazzjoni importanti tiegħek mhijiex xi ħaġa li int se tiskopriha fil-futur, imma hi li tgħix il-ħajja tiegħek, illum, bi mħabba u b'sempliċità.

Hekk kien jistqarr tajjeb San Franġisk ta' Assisi:

**"Ibda billi tagħmel dak li hu meħtieġ, imbagħad agħmel dak li hu possibbli, u f'daqqa waħda ssib ruħek tagħmel l-impossibbli".**

Franġisku twieled f'Assisi, l-Italja, lejn tmiem is-seklu tnax. Missieru kien kummerċjant għani tad-drappijiet, u ommu mara twajba, li kienet għamlet ħilitha biex sa minn ċkunitu trawmu fi mħabba kbira lejn Alla. Tgħallem jaqra u jikteb fl-Iskola tal-Parroċċa.

Sakemm kellu tlieta u għoxrin sena, Franġisku kien l-għaxqa ta' missieru għax kellu għal qalbu l-unuri tad-dinja. Dan kien ċert li sakemm ibnu jaqbad l-istess triq tiegħu, kien se jirnexxi f'ħajtu. Madankollu missieru ma kienx għalkollox kuntent bih: għalkemm Franġisku kien tajjeb għan-negozju, hu kien ħali. Min-naħa l-oħra, iż-żgħażagħ tamparu kienu jqisuh il-mexxej tagħhom, għax barra li kien iħobb jorganizza l-festi, hu kien xalatur.

Franġisku ġġieled fil-gwerra li nqalgħet bejn Assisi u Perugja. Madankollu s-suldati ta' Assisi tilfu u hu spiċċa priġunier f'Peruġja. Din l-esperjenza wasslet lil Franġisku sabiex jirrifletti fuq liema hu l-veru valur tal-ħajja. Hu għamel sena maqful fil-ħabs. Hekk kif kiseb il-ħelsien, irritorna Assisi. Hemm huwa marad serjament, madankollu hekk kif fieq reġgħu rikbuh l-ambizzjonijiet ta' qabel. Iddeċieda għalhekk li jitlaq lejn il-Puglia bit-tama li jinħatar Kavallier. Bilkemm laħaq beda l-vjaġġ li ma kellux ħolma li ġagħlitu jidħol fih innifsu u jirrifletti: "X'inhu l-aħjar, timxi wara l-Imgħallem jew wara l-qaddej?".

Lura Assisi ddeċieda li jbiddel ħajtu u għalhekk ħalla l-ħbieb tal-imgħoddi u ħaddan ħajja ta' ġabra. Missieru m'għoġbux dan l-istil ġdid ta' ħajja u għaldaqstant għamel minn kollox biex iwaqqfu. Madankollu Franġisku ma tax kas, u pprefera jinża' l-ġid materjali u jħaddan il-faqar. Hu qagħad f'għar fqajjar maqtugħ mill-belt fejn inġabar fit-talb biex Alla jagħtih id-dawl u jurih xi jrid minnu. Franġisku, bħan-nies ta' żmienu, kien jistmerr il-mard tal-lebbra. Madankollu, f'dan iż-żmien ta' ġabra, bi mħabba sinċiera rnexxielu jgħannaq u jbus raġel milqut mill-ġdiem.

Il-knisja ta' San Damjan kienet għal qalbu għax hemm hu sema' leħen mill-Kurċifiss: "Mur, Franġisku, sewwi l-Knisja tiegħi li, kif qed tara, qiegħda tiġġarraf". Franġisku bil-mod intebaħ li l-Mulej riedu li jagħti ħajtu għall-Knisja biex din tinfetaħ aktar għall-fqar.



Biż-żmien dawk li mxew fuq il-passi ta' Franġisku żdiedu ħafna. Meta ra hekk, Franġisku mar għand il-Papa Innoċenz III jitolbu l-approvazzjoni biex iwaqqaf Ordni ġdid. Il-Papa, imnebbaħ minn Alla, ta l-barka tiegħu lil Franġisku. Hekk hu beda jmur minn post għall-ieħor, flimkien ma' sħabu, ixandar mill-ġdid il-Vanġelu ta' Ġesù billi jenfasizza l-imħabba lejn il-foqra. Franġisku miet fit-3 ta' Ottubru 1226 u ġie ddikjarat qaddis mill-Papa Girgor IX fis-16 ta' Lulju 1228.

Nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru 2016 is-Seminarju tagħna se jagħlaq 150 sena! Għaldaqstant, l-Isqof ħatar Kumitat li qiegħed jiltaqa' biex iħejji attivitajiet marbuta ma' din l-okkażjoni. Dettalji oħra jingħataw 'il quddiem...